**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja**

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 25/09

**It-Tlieta 16 ta' Settembru 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fl-erbgħa (4:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Marija Micallef – Kunsilliera

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

25.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

25.4 Attivitajiet fil-Gudja;

25.5 Gal Xlokk Membership;

25.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

25.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja - progress
d. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
e. Proġett tal-Housing Estate - progress

25.8 Rapporti;

25.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

25.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti
## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-erbgħa (4:00pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Is-Sindku għaddi l-kondoljanzil f'isem il-Kunsill Lokali lil Viċi Sindku A Dalli għat-telfa tal-kunjata tiegħu.

### 25.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li kien hemm ittri ta' apoloġija mill-Kunsilliera M.Micallef minħabba raġunijiet personali. Din l-apoloġija ġiet aċċetata minn dawk preżenti.

### 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 24/09 nem con.

**25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

25.3.1 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li wara li tkellem mall-pulizija, ġie nfurmat li l-Kunsill ta' Żejtun biss approva li jixtri dan l-mutur. Il-Kunsillier S Caruana qal li għandu jkun il-Gvern Ċentrali li jiffinanzja dan l-mutur. Il-fondi tal-Kunsill huma limitati. Is-Sindku qal li jekk l-ispiża tinqasam bejn tlett Kunsilli, l-ispiża tkun waħda minima. Il-Kunsill qabel li din it-talba tintbgħat bil-mitkub speċjalment f'hiex il-Kunsill ser ikun involut fix-xiri ta' dan il-mutur.

25.3.2 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-spejjez relatati mar-rilokazzjoni tal-magna l-BCRS irid ikopriehom il-Kunsill. Il-Kunsill talab ikun jaf hemm hi din l-ispiza.

25.3.3 Is-Sindku għamel referenza għax-xogħlijiet li qed isiru fi Triq Mons. Pawlu Mallia, fejn informa lil dawk preżenti li huwa qed imur fuq il-post biex jara l-andament tax-xogħol. Ġied jgħid li huwa nfurmat li għamlu l-medda ta' drenaġġ u nqasmu xi katusi mill-main. Is-Sindku qal li talab lill-kuntrattur biex iġib pompa. Minn naħa tiegħu s-Sindku qal li qiegħed f'kuntatt kontinwu mall-kuntrattur u mall-perita li qed tieħu ħsieb il-proġett ta' din it-triq.

25.3.4 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li sid il-binja fi Vjal it-Torri aċċetta li titwaħħal lampa mall-binja. Din jingħata dawl fejn hemm zebra crossing.

25.3.5 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kienet saret laqgħa ma' rappreżentanti minn Project Green dwar xi attività li ser titella' fi Ġnien iż-Żgħażagħ.

25.3.6 Saret referenza dwar Traffic management ta' Triq il-Palazz minn Vjal it-Torri sabiex din isir one way minħabba l-periklu li l-vetturi qed jiffaċċjaw biex joħorġu għal Vjal it-Torri.

25.3.7 Is-Sindku għamel referenza għal talba li saret minn resident biex isir rampa quddiem IL-garaxx tiegħu fi Triq iż-Żebbuġa. Is-Sindku qal li kienet nġabet kwotazzjoni għal dawn ix-xogħlijiet li tammonta għal 220Eur. Wara diskussjoni, il-membri tal-Kunsill qabblu li tintbgħat email lill-perita tal-IM.

25.3.8 Is-Sindku propona sabiex l-Kunsill jħallas żewġ mobile toilets għal waqt il-festa tal-Madonna tar-Rużarju u għal festa tal-Madonna taċ-Ċintura, biex dawn jitpoġġew f' Dawret il-Gudja fejn isir nhar tal-arju. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

25.3.9 Is-Sindku għamel referenza għad-double parking li qed isir fi Triq Santa Marija (fil-pjazza) fejn qed jingħalaq l-aċċess biex l-vetturi jkunu jisghtu jgħaddu minn Triq Santa Marija għal Triq il-Kbira.

17:30hr Il-Kunsllier S Caruana talab sabiex jiġi skużat mill-laqgħa.

25.3.10 Is-Sindku għamel referenza għal Premju Anzjanita Attiva, fejn is-Sindku propona lis-Sinjura Eva Busuttil u s-Sa. C Chetcuti ssekondat dan il-proponiment. Il-Kunsill approva din in-nominazzjoni.

25.3.11 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-pulizija kien għamel kuntatt mas-sid l-għalqa ta' Triq il-Lewż sabiex jitella' ċ-ċint kif huwa stipulat bil-liġi.

25.3.12 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-applikazzjoni għal bini ta' krematorju fil-Gudja ġiet rrifjutata minn naħa tal-PA. Il-Kunsill ser ikun qed isegwi jekk hux ser ikun hemm xi appell.

**25.4 Attivitajiet;**

25.4.1 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill ħa ħsieb li jara li kollox huwa lest għal attività sportiva li ser isir il-Ħadd 21 ta' Settembru. Is-Sindku għamel referenza wkoll li għal Clean Up Day, il-Kunsill ser ikun qed jagħmel l-attivita' mall-iskola St. Joan Antide. Din l-attivita' ser isir fit-30 ta' Settembru.

**25.5 Gal Xlokk Membership;**

25.5.1 Ġiet preżentata korrispondenza dwar il-membership ta' Gal Xlokk, fejn hemm ħlas ta' 250Eur għal kull Kunsillier. Il-Kunsill ser ikun qed jara ma' Kunsilli oħra li huma membri dwar is-servizz li jingħata minn Gal Xlokk.

**25.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

**25.6.1 Il-Kunsillier S Caruana qal li qed ikun hemm diversi vetturi tal-Y Plates fi Triq Bir Miftuħ u Dawret il-Gudja jistennew sakemm tidħlielhom xi order.**

**25.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Ġnien Raymond Caruana – progress

   Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-bankijiet u l-bins il-ġodda li ġew ordnati għal Gnien R.Caruana kienu waslu. Is-Sindku qal li huwa ser ikun qed jara li dawn jitwaħħlu għal fatt li l-Kunsill ilu jistenna ħafna żmien biex jitlesta resin tal-art. Is-Sindku qal wkoll li bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet fuq il-gazebo tal-injam li din qed tinżebagħ ukoll bajda u ser iduru wkoll is-saqqaf tal-gabbana. Is-Sindku ikonkluda billi qal li l-arbli ta' dawl twaħħlu kollha u li ser isir xi dawl fil-pitch. Il-Kunsillier S Caruana qal li hemm xi arbli ta' dawl li twaħħlu fil-passaġġi.

b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miż 4.3 – Toroq Rurali – progress

Is-Sindku qal li qed jitlob sabiex isir laqgħa mar-rappreżentanti tal-ERA u l-perit dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fuq tal-Għolljiet.

d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika – progres

25.8 Rapporti;

Ma kienx hemm.

**25.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 16/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera u sekondata mill-Kunsilliera għall-ammont totali ta' €15,394.84 u ġiet approvata nem con.

**25.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgħa ntemmet fis-sitta neqsin għaxra ta' filgħaxija (5:50pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 14 ta' Ottubru 2025 fil-5.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 14 ta' Ottubru 2025

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv